# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Gunju, 2001**

**Numru**
**Avviz numru: 420/01mm**

**Lloyds (Malta) Limited, fil-kwalita taghha ta' rapprezentanti *ex lege* u ghalhekk ghan-nom tal-membri ta' Lloys illi jifformaw id-ditti assikuratrici ossija sindikati ta' Lloyds illi jgibu n-numru 980 u li joperaw taht l-isem Ensign Motor Policies at Lloyds, bhala rapprezentanti lokali ta' l-istess ditti ossija sindikati, liema sindikati qeghdin jagixxi kif jinsabu surrogati fid-drittijiet tal-assikurat tieghu Simon Gatt Baldacchino u l-istess Simon Gatt Baldacchino**

**Vs**

**Michael Sammut**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghal:

1. Dikjarazzjoni tal-konvenut li huwa responsabbli ghall-incident awtomobilistiku illi sehh fit-30 ta' Awissu, 2000, fis-13.30, f'Mannarino Street, Birkirkara, bejn il-vettura tal-marka Opel, bin-numru tar-registrazzjoni GAA 942, koperta mill-atturi taht polza ta' assikurazzjoni numru 49849 – 31/07 mahruga fl-1 ta' Awissu, 1996, misjuqa minn Paul Mintoff u il-vettura tad-ditta Toyota bin-numru tar-registrazzjoni NEW 009 propjeta' ta' John Cutajar u misjuqa mill-konvenut Michael Sammut u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur.
2. Jillikwida dawn id-danni residwali fis-somma globali ta' hames mija u sebgha u tletin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm537.94) kif jidher f'Dok JD jew somma verjuri illi tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti, bl-opera ta' periti u esperti nominandi.

3. Ikkundannat ihallas lill-Atturi Lloyds (Malta) Limited is-somma ta' erbgha mija u sebgha u disghin lira Maltin, erbgha u disghin centezmu (Lm497.94) u lill-imsemmi attur Simon Gatt Baldacchino s-somma ta' erbghin lira Maltin (Lm40) rispettivament jew sommom verjuri illi jigu likwidati minn dina l-Qorti in linea ta' danni.

Bl-ispejjez, komprizi dak tan-Nota tal-ismijiet, ta' l-ittra ufficjali u nota, lkollipprezentati mal-kawza ammontanti ghal Lm18.50, u bl-imghax legali mit-30 ta' Awissu, 2000, jew data ohra stabbilita appozitament minn dina l-Onorabbli Qorti sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-18 ta' Gunju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.